MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 237/2002/1

**Carmen Scerri bhala mandatarja tal-assenti Mary Valvo**

**vs**

**Paul u Maria konjugi Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sittin lira Maltin (Lm60.00) rapprezentanti hames snin cens fuq propjeta' f'Kent Street, Fgura, lill-attrici nominee.**

**L-ammont tac-cens hu ta' Lm12 fis-sena u l-konvenut illum iktar minn hames snin ma jhallas.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fid-9 ta' April, 2002 fejn intqal illi:**

**It-talba attici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti m'ghandhom jaghtu l-ebda cens lill-mandanti tal-attrici kif qed jigi pretiz.**
**Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmen Scerri, Mary Iris Camilleri. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.**

**Ikkunsidrat:**
**1. Din il-kawza qed issir ghal hlas ta' sittin lira (Lm60.00) cens allegatament dovut fuq propjeta' f'Kent Street, Fgura. Ic-cens huwa ta' tnax-il lira (Lm12.00) fis-sena u jkopri hames snin u cioe' mill-1997 sa 2001. Il-konvenuti qed ighidu li m'ghandhom jaghtu xejn.**
**2. L-attrici li qed tagixxi fil-kwalita' ta' mandatarja ta' l-assenti Mary Valvo, tghid illi l-art kienet inbieghet fi plots lil certu Petroni li da parti tieghu kien biegh l-art lil Carmelo Mangion b'cens ta' £61 12s 3d. Dina l-art inqasmet f'sitt plots li wahda minnhom hija tal-konvenuti u li fuqha kien jithallas ic-cens tat-tnax-il lira (Lm12.00) wara li kien sar fidi ta' zewg liri (Lm2.00).**
**3. Jirrizulta mid-Dok CS illi fil-fatt Alfred Petroni kien biegh lil Angelo Mangion l-art in kwistjoni skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Maurice Gambin datat 30 ta' Jannar, 1961.**
**4. Jirrizulta illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr George Cassar datat 12 ta' Settembru, 1966 Carmelo Mangion assenja s-sub utili dominju perpetwu ta' l-imsemmija art lil Pawlino Camilleri, u hemm imnizzel (fol 43 tal-process) li din kienet soggetta ghal hlas ta' tnax-il lira xelin u disa' soldi fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem.**
**5. Il-konvenuta Mary Camilleri tghid illi zewgha kien akkwista l-imsemmija art u kif jirrizulta mid-Dok CS 3 esebit u li dan kien ihallas ic-cens ghand il-prokuratur Vincent Falzon. Skond l-istess xhud, wara l-mewt ta' l-imsemmi Falzon il-hlas sar xi darbtejn ghand l-attrici.**
**6. Fic-cirkostanzi t-Tribunal iqis illi jirrizulta sodisfacentement illi l-attrici bhala mandatarja ta' l-**

**imsemmija Mary Valvo, ghandha fil-fatt tithallas ic-cens li hu dovut fuq il-perjodu ta' hames snin mill-1997 sal-2001 fl-ammont ta' sittin lira (LM60.00)**

**Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba, u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici nomine s-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) kif inghad fuq.**

**L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------